MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 972/2000/1

**Location Malta Limited.**

**vs**

**Jenny Adams.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta’ Mejju 2000 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici u l-konvenuta kienu dahlu fi ftehim permezz ta’ skrittura privata datata 26 ta’ Awissu 1998 li permezz taghha s-socjeta` attrici kienet fdat lill-konvenuta bhala *free lancer* bl-inkarigu specifiku li tippromuovi fl-Izrael il-prodotti offerti mis-socjeta` attrici; tidderigi l-

operazzjonijiet ta' l-istess socjeta` fl-Izrael; tmexxi l-ufficcju fl-Izrael bi skop li tibghat turisti lejn Malta; kif ukoll izzomm il-kotba tas-socjeta` fi stat aggornat sabiex ikunu lesti ghal l-ispezzjoni u awditjar fuq rikjesta tas-socjeta` attrici, hekk kif ahjar jirrizulta mill-anness Dokument "A";

Illi l-konvenuta, minghajr ebda raguni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt, naqset milli tirrispetta l-obbligi kontrattwali taghha taht l-imsemmija skrittura privata tas-26 ta' Awissu 1998 u in partikolari naqset milli tilhaq it-"*targets*" specifikati fil-klawsola numru 3 ta' l-istess ftehim u eventwalment abbandunat ghal kollox l-ufficcju fl-Izrael u rritornat lura Malta, u hekk gie li hi abbandunat l-inkarigu lilha fdat mis-socjeta` attrici bi ksur tal-klawsola numru 21 ta' l-imsemmi ftehim datat 26 ta' Awissu 1998, u b'hekk giet ukoll soggetta ghall-hlas tal-penali kontemplata fil-klawsola numru 22 ta' l-istess ftehim;

Illi s-socjeta` attrici nkorriet f'diversi spejjez in konnessjoni mal-karigu minnha fdat lill-konvenuta, fosthom forniet l-ufficcju fl-Izrael bl-*equipment* u l-attrezzaturi l-ohra kollha necessarji ghall-operazzjoni tieghu u kienet ukoll ipprovdiet lill-konvenuta b'*mobile phone*;

Illi l-konvenuta bl-inadempjenza u nuqqasijiet taghha kkagunat danni ngenti lis-socjeta` attrici kemm fil-forma ta' *damnum emergens* kif ukoll fil-forma ta' *lucrum cessans*, kif jigi provat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuta giet interpellata inutilment mis-socjeta` attrici sabiex taddivjeni ghal-likwidazzjoni u konsegwenzi hlas ta' danni minnha kagonati kif premess u tal-penali kkontemplata fil-ftehim datat 26 ta' Awissu 1998;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta minhabba n-nuqqasijiet u inadempjenzi taghha rrendiet ruhha responsabbli ta' ksur kontrattwali fil-konfront tas-socjeta` attrici;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kontrattwali taghha l-konvenuta kkagunat danni lis-socjeta` attrici;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni hekk sofferti mis-socjeta` attrici;

4. Tillikwida tali danni, *occorrendo* b'opera ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, *in linea* ta' danni, dawk id-danni li jigu hekk likwidati *ai termini* tar-raba' domanda;

6. Tiddikjara u tiddeciedi *inoltre* li b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kontrattwali taghha, l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici l-penali kkontemplata fil-ftehim datat 26 ta' Awissu 1998;

7. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici tali penali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra legali datata 21 ta' Dicembru 1998, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda b'dokument anness konsistenti fil-ftehim datat 26 ta' Awissu 1998 bejn il-partijiet esebit bhala Dok. "A" kollox a fol. 3 sa 8 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tat-28 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jenny Adams datata 19 ta' Gunju 2000 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u m' ghandhomx jigu milqugha minn din l-Qorti *stante* li,

minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta` attrici, l-istess ftehim huwa xolt *ipso jure* abbazi tal-*pactum commissarum tacitum* inkorporat fil-ftehim tas-26 ta' Awissu 1998 (artikolu 17 tal-Kodici Kummercjali, Kap 13) u, kwindi, l-eccipjenti ma tistax tinzamm responsabbli ghall-penalitajiet ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici.

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, *in ogni caso*, l-eccipjenti ma kkommettiet ebda ksur kuntrattwali fil-konfront tas-socjeta` attrici kif qed jigi allegat. Jekk kien hemm xi inadempjenza kuntrattwali dawn kienu kommessi da parti tas-socjeta` attrici li bl-agir illecitu taghha qeghdet lill-konvenuta f'qaghda fejn kien impossibbli ghaliha li tezegwixxi l-inkarigu taghha *ai termini* tal-ftehim tas-26 ta' Awissu 1998 u kwindi l-eccipjenti ma tixtax tinzamm responsabbli ghad-danni u/jew penalitajiet kif pretiz mis-socjeta` attrici (art. 1133 Kodici Civili).

3. Illi *oltre* dan, it-*targets* stabbiliti fil-ftehim ma setghux jintlahqu minhabba cirkostanzi li fuqhom il-konvenuta ma kelliex kontroll, *stante* li t-titjiriet ta' l-ajru diretti minn Izrael ghal Malta li kienu ppjanati mill-Air Malta gew ikkancellati mill-istess Air Malta (art. 1134 Kodici Civili).

4. Illi *in ogni caso*, id-danni allegati jridu jigu pruvati.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 14 sa 160 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 17 sa fol. 30 tal-process.

Rat il-**talba rikonvenzjonali** tal-konvenuta Jenny Adams kontra s-socjeta` attrici datata 19 ta' Gunju 2000 (fol. 18) fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hija "*Travel Agency*" Maltija li kienet interessata ggib turisti mill-Izrael lejn Malta. Ghal dan l-iskop, is-socjeta` attrici kienet inkarigat lill-konvenuta

sabiex din tmur l-Izrael sabiex tidderiegi l-"*marketing operations*" hemmhekk (skond il-ftehim datat 26 ta' Awissu 1998 anness ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dokument "A");

Illi s-socjeta` attrici naqset milli tikkumpensa lill-konvenuta ghal xogholha minkejja li l-konvenuta tat servizz a beneficcju tas-socjeta` attrici matul il-perijodu mill-ahhar ta' Awissu sa l-ewwel gimgha ta' Dicembru tas-sena 1998 skond l-imsemmi ftehim tas-26 ta' Awissu 1998;

Li matul iz-zmien hawn fuq indikat il-konvenuta kienet ghamlet zmien tirresjedi fl-Izrael, hemmhekk batiet xi spejjez li ghalihom huma responsabbli s-socjeta` attrici *stante* li gew inkorsi fl-ezekuzzjoni ta' l-istess inkarigu moghti lilha mis-socjeta` attrici;

Illi ghalkemm il-konvenuta interpellat lis-socjeta` attrici diversi drabi sabiex s-socjeta` attrici tikkumpensaha ghas-servizz li tat u tirrifondi l-imsemmija spejjez inkorsi minnha, s-socjeta` attrici baqghet indempjenti;

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet lis-socjeta` attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuta hija dovuta (i) kumpens mis-socjeta` attrici ghas-servizz li tat fl-Izrael a beneficcju tas-socjeta` attrici matul il-perijodu mill-ahhar ta' Awissu sa l-ewwel gimgha ta' Dicembru tas-sena 1998 u (ii) rimbors minghand is-socjeta` attrici ta' l-ispejjez li inkorriet fl-ezekuzzjoni ta' l-inkariku moghti lilha mis-socjeta` attrici.

2. Tillikwida l-kumpens u l-ispejjez dovuti lill-konvenuta mis-socjeta` attrici.

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenuta dik is-somma hekk likwidata skond id-domanda precedenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Jenny Adams bil-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi Dok. "A" sa Dok. "F" a fol. 19 sa fol. 30 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Location Malta Limited ghall-kontro-talba ta' Jenny Adams datata 27 ta' Gunju 2000 a fol. 34 tal-process fejn eccepiet:-

(1) Illi t-talbiet avvanzati mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha, kontra s-socjeta` eccipjenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta *stante* li l-imsemmija konvenuta, minghajr raguni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt, naqset mill-tirrispetta l-obbligi kontrattwali taghha *ai termini* ta' l-iskrittura privata datata 26 ta' Awissu 1998 iffirmata bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici Location Malta Limited u l-lista tax-xhieda a fol. 34 u 35 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-28 ta' Gunju 2000; u tat-12 ta' Lulju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghas-6 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici Location Malta Limited datata 5 ta' Ottubru 2000 a fol. 39 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavits ta' Reuben Vella Bray, ta' Alfred Spiteri u ta' John Abela, immarkati minn Dok. "A" sa Dok. "C".

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuta ghall-24 ta' April 2001.

Rat in-nota ta' Jenny Adams datata 8 ta' Frar 2001 li permezz taghha pprezentat affidavit ta' Roman Listwand (Dok. "Z 1") a fol. 56A tal-process; u l-affidavit taghha

stess kif jidher a fol. 70A tal-process flimkien mad-dokumenti immarkati bhala Dok. “JA 1” sa Dok. “JA28”.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici datat 12 ta’ Marzu 2001 u l-atti kollha relattivi inkluz d-digriet datat 22 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 9 ta’ April 2001 fejn esebiet *‘animo ritirandi’* l-passaport taghha bhala Dok. “IJA” (fol. 144).

Rat in-nota tal-konvenuta Jenny Adams datata 24 ta’ April 2001 a fol. 150 tal-process li permezz taghha pprezentat tliet affidavits tax-xhieda hemm indikati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-24 April 2001 fejn *inter alia* gie indikat li x-xhud Ronan Listwand kien iddikjarat bhala xhud kif jidher mill-inkartament a fol. 17 tal-process; tal-31 ta’ Mejju 2001 fejn xehed Ronen Listwand in kontro-ezami; tat-18 ta’ Ottubru 2001; tal-21 ta’ Frar 2002; tad-9 ta’ Mejju 2002 fejn xehdet il-konvenuta in kontro-ezami; u tal-10 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta ghall-25 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta’ Ottubru 2002; tat-12 ta’ Frar 2003; u tal-21 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Gunju 2003 ghal kontro-ezamijiet.

Rat in-nota tal-konvenuta Jenny Adams datata 20 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha pprezentat lista tad-domandi li hi trid taghmel lix-xhieda barra minn Malta (fol. 271).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-20 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Aldo Vella pprezenta nota duplikata sabiex kopja tinghata lill-kontro-parti u fl-istess nota hemm indikat l-oggezzjoni tas-socjeta` attrici ghat-talba tal-konvenuta ghas-smigh tax-

xhieda bil-mezz tar-rogatorji. Il-kawza giet differita ghal provediment wara li l-konvenuta taghmel nota responsiva sa l-ahhar ta’ Lulju 2003 ghas-7 ta’ Ottubru 2003; u tas-7 ta’ Ottubru 2003; tat-28 ta’ Novembru 2003; tal-20 ta’ Frar 2004; tat-12 ta’ Marzu 2004; tat-18 ta’ Marzu 2004; tat-18 ta’ Gunju 2004; tal-15 ta’ Ottubru 2004; tal-10 ta’ Novembru 2004; tal-25 ta’ Frar 2005; tat-28 ta’ Gunju 2005; u tad-29 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-24 ta’ Frar 2006 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Rat id-digrieti ta’ din il-Qorti kif diversament presjuduta datati 3 ta’ Novembru 2003, 2 ta’ Marzu 2004 u 16 ta’ Marzu 2004.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif illum presjeduta tal-24 ta’ Frar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti tat-23 ta’ Marzu 2006; tas-16 ta’ Mejju 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha li zzomm zewg seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-provi kollha tal-konvenuta, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-7 ta’ Dicembru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli kif kienet ordnatilha l-Qorti tas-16 ta’ Ottubru 2006; tal-24 ta‘ Novembru 2006; tat-2 ta’ Frar 2007; u tal-14 ta’ Marzu 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-7 ta’ Dicembru 2006; u tat-23 ta’ Mejju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti wkoll il-konvenuta. Id-difensuri prezenti talbu li jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lis-socjeta` attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq

tat-terminu moghti lis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2007.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 2 ta' Lulju 2007 a fol. 480 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Jenny Adams datata 9 ta' Awissu 2007 kif jidher a fol. 491 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi qabel xejn din il-Qorti taghmel riferenza ghat-talba datata 9 ta' Mejju 2002 (fol. 204) fil-verbal fl-istess seduta (u mhux rikors) mis-socjeta' attrici fejn talbet l-isfilz tal-affidavits ta' Danny Beckenstein, Amos Seri Levi u Eli Bergman pprezentati b'nota datata 24 ta' April 2001 peress li l-istess xhieda kienet proceduralment inammissibbli u din il-Qorti tilqa' t-talba ghaliex jirrizulta li l-istess xhieda ma gietx prodotta bil-procedura indikata mill-ligi u dan anke kif indikat fid-digrieti datati 3 ta' Novembru 2003, 21 ta' Novembru 2003 u 2 ta' Marzu 2004 u dan peress li l-procedura hemm indikata ma jidhirx li giet segwieta ghall-istess xhieda.

Illi dwar ix-xhieda sussegwenti ta' Eli Bergman, Guy Nanas, u Lami Brickman jidher li din giet awtorizzata permezz tad-digrieti tat-3 ta' Novembru 2003 (fol. 293) u 2 ta' Marzu 2004 (fol. 319), 16 ta' Marzu 2004, 9 ta' Mejju 2006 (fol. 375) u wara n-nota tar-Registratur datata 22 ta' Mejju 2006 (fol. 378) u d-digriet datat 16 ta' Mejju 2006 (fol. 377) fejn allegatament gew esebiti t-traduzzjonijiet ordnati u permezz ta' nota tal-konvenuta datata 3 ta'

Awissu 2006 (fol. 399) u dan fir-rigward tax-xhieda ta' Rami Brickman, Dani Pardo, Guy Nanas, u Mr Gabai, imma peress li ma jirrizultax li dawn it-traduzzjonijiet saru bil-mod kif ordnat mill-Qorti, dawn ir-risposti ser jigu injorati minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar din il-pendenza.

Illi intant din il-kawza hija dwar allegata inadempjenza kuntrattwali *da parte* tal-konvenuta, fejn is-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenuta naqset mill-obbligi taghha li hija assumiet ftehim datat 26 ta' Awissu 1998, u b'hekk qed jintalab il-hlas ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici u wkoll il-hlas ta' penali kontemplati fl-istess ftehim.

Illi wara li ezaminat il-provi kollha prodotti l-fatti tal-kaz jirrizultaw li kienu is-segwenti:-

Illi l-partijiet f'din il-kawza iffirmaw skrittura privata datata 26 ta' Awissu 1998 fejn ftehmu li l-konvenuta Jenny Adams kellha tmur l-Izrael sabiex thajjar turisti minn dak il-pajjiz izuru Malta ghal btala u li dan isir *tramite* s-servizzi tas-socjeta' attrici Location Malta Ltd.

Illi l-konvenuta kellha tahdem bhala *freelancer.* Skond it-tieni klawsola inghad li:-

*"She will direct marketing operations in Israel with the objective of sending tourists to Malta".*

Illi r-responsabbiltajiet taghha skond ir-raba' klawsola tal-ftehim kienu *"to market the products that the company offers to direct operations in Israel, to manage the office in Israel and to keep books ready for inspection and auditing at the company's request".* Inoltre' jirrizulta mill-istess skrittura li hija kellha tilhaq it-*targets* stipulati fi klawsola numru 3 u fin-nuqqas is-socjeta' attrici fid-diskrezzjoni taghha kellha d-dritt li tittermina l-kuntratt.

Illi min-naha taghha s-socjeta' attrici kellha thallas lill-konvenuta s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) fix-xahar. Il-konvenuta kienet intitolata fost affarijiet ohra ghall-uzu ta' karozza tal-kumpanija u wkoll l-ispejjez

relattivi kellhom jithallsu mill-kumpanija attrici. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet anki intitolata ghall-*petrol allowance* fix-xahar, u l-ispejjez relatati mal-uzu tal-GSM *mobile phone*. Min-naha taghha l-konvenuta kellha tipprezenta rapport tat-telefonati u l-kontijiet. Fost affarijiet ohra li qablu dwarhom, is-socjeta' attrici kellha tikri ufficcju li kien indikat mill-provi li kellu jkun dak li kien jinsab fin-numru 80/5 Krinizi Str, Ramat Gan, Israel bhala ufficcju u dwar dan suppost li kellu jkun hemm ftehim separat maghmul bejn is-socjeta' attrici u s-sid tal-post. Ukoll, il-konvenuta kellha tigi fdata li topera kont bankarju fl-Israel ghan-nom tal-kumpanija li minnu kellha thallas l-ispejjez kollha relatati mal-amministrazzjoni ta' l-ufficcju. Fi klawsola numru 28 il-kumpanija obbligat ruhha li tiddeposita flus *"to cover the intitial setting up costs (i.e. equipment, car, mobile phone, office rent, and the ongoing costs of maintaining the project (i.e. office rent, salary, expenses)".*

Illi fil-fatt jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet peress li l-konvenuta kienet taf lil Reuben Vella Bray u bazikament din il-konoxxenza waslet sabiex ikun hemm laqghat bejn il-partijiet. Il-konvenuta kienet temmen li kien hemm potenzjal kbir ghal turizmu mill-Izrael lejn Malta u hija semmiet ukoll figuri maghhom. Fl-ahhar ta' Mejju 1998 is-socjeta' attrici halset lil Jenny Adams u lil binha il-vjagg sabiex tmur l-Izrael u ggib aktar informazzjoni. Wara xi gimgha l-konvenuta giet lura flimkien ma' certu Ronen Listwand (li gie a spejjez ta' l-istess socjeta' attrici) u dawn kellhom diversi laqghat ma' rappresentanti tas-socjeta' attrici. F'dawn il-laqghat saru n-negozjati li waslu mbaghad ghall-kundizzjonijiet tal-ftehim mertu tal-kawza odjerna datat 26 ta' Awissu 1998 (Dok. "A").

Illi jirrizulta mill-istess provi li fl-24 ta' Gunju 1998 il-konvenuta Jenny Adams telqet lejn l-Izrael biex tibda x-xoghol taghha. Sa dak iz-zmien ma kienx hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Pero' kif anki huwa evidenti minn Dok "JA 23" (a fol.126 tal-process) is-socjeta' Location Malta kienet qed gja tirreferi ghall-konvenuta bhala *branch manager* ta' l-istess socjeta' attrici fl-Izrael u dan id-dokument mahrug mill-imsemmija socjeta' huwa

datat 3 ta’ Lulju 1998 u dan apparti li kien hemm kuntratt precedenti datat 7 ta’ Mejju 1998 bejn l-istess konvenuta u s-socjeta’ Garden of Eden Ltd Trading as European Holidays (Dok. “JA 1”.

Illi sussegwentament saru diversi *drafts* tal-ftehim u dan anki permezz ta’ avukat Izraelit. Fl-affidavit taghha, Jenny Adams xehdet li s-socjeta’ attrici hallsuha paga ghall-ahhar gimgha ta’ Gunju u ghax-xahar ta’ Lulju u anki l-ispejjez li kienet ghamlet minn butha, anke jekk dawn thallsu tard lejn l-ahhar ta’ Awissu. Fis-26 ta’ Awissu 1998 giet lura Malta ghal gurnata wahda biss biex tintroduci lil certu Rami Brickman mas-socjeta’ attrici li kien jahdem fil-qasam tat-turizmu. Kien dakinhar li hija ffirmat l-iskrittura mertu tal-vertenza odjerna.

Illi s-socjeta’ attrici ssostni li ladarba l-konvenuta ma lahqitx it-*targets* stipulati kif miftehma hija naqset milli tonora tali obbligi kuntrattwali u kwindi s-socjeta’ attrici soffriet danni konsistenti f’*damnum emergens* u *lucrum cessans* kif ukoll spejjez ohra. Is-socjeta’ attrici qeghda tippretendi wkoll li apparti d-danni, il-konvenuta ghandha thallas il-penali *ai termini* tal-kuntratt tas-26 ta’ Awissu 1998.

Illi l-konvenuta sostniet li kien hemm inadempjenza kuntrattwali min-naha tas-socjeta’ attrici liema inadempjenza poggietha f’sitwazzjoni li hija ma setghetx taghmel xoghlha sew. Il-konvenuta elenkat diversi nuqqasijiet mis-socjeta’ attrici – (1) is-socjeta’ attrici ma bdietx thallas is-salarju lill-konvenuta tant li hija ma thallsitx ghax-xhur ta’ Settembru, Ottubru, Novembru u l-ewwel gimgha ta’ Dicembru 1998; (2) ma bdietx tircievi r-rimbors ta’ l-ispejjez li kienet qeghda tinkorri; (3) ma nghatatx il-karozza; (4) ma nfetahx il-kont bankarju; (5) ma thallsitx il-kera ta’ l-ufficcju; (6) is-socjeta’ bdiet timmanuvra b’tali mod li ghamlita mpossibbli li l-konvenuta jkollha success f’dak li kienet qeghda taghmel.

Illi rrizulta bla ebda dubju li l-konvenuta bhala fatt ma lahqitx it-*targets* stipulati. Irnexxielha biss iggib ftit nies li ma ma kienxu konformi mal-miri li kien hemm stipulat fl-

istess kuntratt bejn il-partijiet. Izda dan il-fattur fil-kaz in kwistjoni mehud wahdu certament li mhux sufficjenti sabiex jintlaqghu t-talbiet attrici u dan peress li wiehed irid jara ghaliex ma ntlahqux l-istess miri. Fil-fatt il-konvenuta qed isotni li f’dan il-kaz il-miri ma ntlahqux ghaliex is-socjeta’ attrici ghamlita mpossibbli ghaliha li twettaq tali obbligi, anke minhabba li ma aderixxietx ruhha ma’ l-istess ftehim, u minhabba dan hija ma hijiex responsabbli anke peress li japplika l-patt kommissorju tacitu u dan aparti li l-miri ma setghux jintlahqu minhabba forza irresistibbli jew kaz fortuitu.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok issir referenza ghall-**artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc** u l-**Artikolu 1068 tal-Kodici Civili** *stante* li l-konvenuta eccepiet li m’ghandhiex tigi meqjusa li kisret il-ftehim peress li s-socjeta’ attrici kienet inadempjenti.

Illi l-**artikoli 1068 tal-Kodici Civili** u **117 tal-Kodici tal-Kummerc** u jghidu hekk rispettivament:

*“Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha:-*

*Izda, f’dak il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx ipso jure, u l-qorti tista’, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut, bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh”.*

*“Fil-kuntratti kummercjali, il-kondizzjoni rizoluttiva tacita msemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodici Civili tholl il-kuntratt ipso jure, u l-qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-mora”.*

Illi fis-sentenza **“St. Andrew’s Farm and Building Company Limited vs Henry Sultana”** (Cit Nru: 1728/97/GV – 26 ta’ April 2002) gie affermat li r-regola generali li tirregola l-kuntratti ma tippermettix it-terminazzjoni unilaterali ta’ kuntratt minhabba inadempjenza, izda taghti lill-Qorti l-fakolta’ li taghti zmien ragjonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora. F’materja

kummercjali, din ir-regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'ghandhiex din id-diskrezzjoni izda ghandha tholl il-kuntratt. F'kull kaz, izda hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt. **("Gauci vs Cutajar"** - Vol. LXIII.iv.956).

Dan johrog mill-artikoli 1068 u 1069 tal-Kap. 16 kull parti tista' tipprocedi sabiex jigi ddikjarat ix-xoljiment tal-kuntratt minhabba inadempjenza jew li titlob l-esekuzzjoni tal-kuntratt jekk dan ikun possibili, u fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-konvenut jista' jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni.

Illi huwa wkoll car li biex ikun hemm l-eccezzjoni *inadempleti contractus* jehtieg illi l-kaz ikun jikkoncerna ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikata fl-istess rapport sinallagmatiku bejniethom u jehtieg li meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-gudikant jara li jkun hemm certa proporzjoni bejn l-inadempjenza attribwita bi htija ta' l-attur u dik rifjutata mill-konvenut. Jehtieg li l-inadempjenza ta' l-attur tkun imputabbli lilu u li inoltre', relattivament ghal prestazzjoni hu jezigi minn ghand il-konvenut li tkun ta' certa gravita' **("E.Aqulina vs S.Aquilina et"** - 12 ta' Marzu 1965 - Vol XLIX.518).

Illi ma hemmx dubju li fil-kaz odjern il-partijiet qed ivvantaw kontra xulxin akkuzi reciproci fejn parti qed takkuza lill-parti l-ohra li kisret il-kondizzjonijiet tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet datat 28 ta' Awissu 1998; fil-fatt s-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenuta kisret unilateralment il-kuntratt u allura qed tippretendi l-hlas ta' danni u wkoll ta' penali, mentri min-naha l-ohra l-konvenuta qed tghid li l-kuntratt fuq kollox gie miksur mill-parti attrici u dan ghaliex l-istess socjeta' attrici ma osservatx l-obbligi taghha, b'dan li dan ghalhekk iwassal ghal xoljiment tal-kuntratt, bil-konsegwenza li l-konvenuta ghandha tigi kkumpensata ghall-ispejjez u danni li soffriet minhabba l-istess.

Illi wara li ezaminat il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li gie sodisfacentament ippruvat li effettivament is-salarju lill-konvenuta ghat-terminu minnha ndikat ma giex imhallas, tant li mhux ikkontestat li l-konvenuta ma thallsitx ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru. Peress li l-ewwel mira li hija indikata fl-istess kuntratt kienet dik ta' *600 pax* fix-xahar ta' Novembru 1998, certament ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn hija ma thallsitx l-ammont indikat ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru, u dan meta kien ovvju li l-istess konvenuta kellha bzonn l-istess ammonti anke sabiex tkun tista' tghix fl-istess pajjiz fejn kienet, u dan in-nuqqas ta' hlas gie sostnut mis-socjeta' attrici minkejja li ma jidhirx li l-istess socjeta' attrici tterminat il-kuntratt mal-konvenuta, u dan minkejja l-allegazzjonijiet minnha vantati. Fil-fatt fil-kuntratt indikat (a fol.5 tal-process), il-klawsola numru 3 tispecifika li s-socjeta' attrici kellha d-diskrezzjoni li twaqqaf il-kuntratt f'kaz li Jenny Adams ma tilhaqx it-*targets* u dan kien l-ewwel *target* hemm imsemmi, izda jidher li qabel dik id-data l-istess konvenuta ma kenitx qed tircievi hlas skond kif indikat fl-artikolu 10 ta' l-istess kuntratt, b'dan li l-konvenuta ma rcevietx l-ammont miftiehem ta' Lm1,200 (€2,795.25) fix-xahar. Dan fl-opinjoni tal-Qorti kien nuqqas serju ghaliex fixkel serjament l-andament u x-xoghol tal-konvenuta sabiex hija tkun tista' taghmel ix-xoghol b'mod seren u tilhaq il-miri taghha. Din is-sitwazzjoni baqghet tezisti b'mod persistenti, tant li minhabba li l-istess konvenuta baqghat ma rceviet l-ebda somma kif kienet intitolata fil-kuntratt hija kienet kostretta sabiex fit-12 ta' Dicembru 1998 titlaq mill-Izrael ghaliex ma setghetx tkompli tghix hemm aktar minghajr ebda finanzi.

Illi mhux hekk biss izda jidher li gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li s-socjeta' attrici ma fethitx il-kont bankarju sabiex tkun tista' tmexxi l-ufficcju u wkoll jirrizulta li l-istess socjeta; attrici ma halsitx l-ispejjez li hija kienet obbligata li thallas skond l-istess kuntratt, inkluzi spejjez ta' *mobile*, u spejjez ohra li kienu relattati max-xoghol ta' l-istess konvenuta, nkluz il-hlas ta' kiri ta' karozza u l-kiri ta' ufficcju minn fejn is-socjeta' attrici kienet taf li l-konvenuta kienet qed topera, anke peress li s-sid ta' l-istess

appartament kien gie hawn Malta u ltaqa' mar-rappresentanti tas-socjeta' attrici u x-xhieda f'dan is-sens ta' Ronen Listwand tindika b'mod mill-iktar elucidenti kif l-istess socjeta' attrici kienet qed titratta mal-konvenuta, u fejn l-istess xhud jikkonferma li l-istess konvenuta kellha infatti thallas diversi spejjez li kellhom jithallsu mis-socjeta' attrici hija stess, apparti li baqghat ma' thallsitx l-ammont li hija kellha tircievi kull xahar, u hija kienet ukoll f'sitwazzjoni imbarrazzanti peress li l-istess socjeta' konvenuta ma kenitx hallset lanqas ir-renta ta' l-istess ufficcju minn fejn hija kienet qed topera, u dan minkejja li jidher li s-socjeta' attrici kienet qablet dwar ir-rata mitluba ghall-kiri ta' l-istess. Dan apparti spejjez ohra li baqghu ma thallsux mill-istess socjeta' konvenuta, nkluzi drittijiet legali ghall-kweziti li ghamlet is-socjeta' attrici stess.

Illi mhux hekk biss izda jidher ukoll li l-istess socjeta' attrici naqset li tibghat l-applikazzjonijiet necessarji sabiex l-istess konvenuta tkun tista' tahdem legalment fl-istess pajjiz, u wkoll gie ppruvat mill-konvenuta li s-socjeta' attrici tatha anki struzzjonijiet biex ma tikkuntattjax lil zewg agenti Yossi Tours jew Flying Carpet (Dok "JA 14" a fol.113 tal-process) u dan kien fit-28 ta' Ottubru 1998, u din hija wkoll prova li s-socjeta' attrici kienet qeghda tahdem minn wara dahar il-konvenuta, tant li dan jinsab ikkonfermat mid-"Dok JA 21" (a fol.113 tal-process) li huwa *draft* ta' ftehim bejn Globe u Location Malta datat 27 ta' Ottubru 1998 li juri li kien hemm trattattivi bejn il-partijiet hemm indikati meta zewg diretturi tas-socjeta' attrici telghu huma stess fl-Izrael. Jidher car fl-opinjoni ta' din il-Qorti li sa dak iz-zmien kien gja saru passi sabiex il-konvenuta ma tkunx tista' topera, u wkoll jidher li l-intiza kienet anke sabiex l-istess konvenuta tigi maqbuza.

Illi s-socjeta' attrici, permezz tad-diretturi taghha, sostniet li l-konvenuta m'ghamlitx xogholha izda fil-verita' din il-Qorti thoss li l-konvenuta ftit seta' jkollha success meta s-socjeta' attrici ma bdietx taghtiha dak li obbligat ruhha li tiha sabiex tilhaq il-miri stabbiliti u dan iktar u iktar meta jinsab ippruvat, tant li fil-fatt lanqas huwa kontestat, li l-istess konvenuta ma thallsitx lanqas l-ammont lilha promess ghas-servizzi taghha ghax-xhur ta' Settembru,

Ottubru u Novembru, u dan apparti li ma sarx ir-rimbors ta’ l-ispejjez li kien promess lilha, u lanqas inghatawlha l-facilitajiet sabiex hija tkun tista’ topera, bhal spejjez ta’ kera ta’ karozza, spejjez ta’ *mobile phone*, u spejjez ta’ kiri ta’ ufficcju, b’dan li l-istess konvenuta tpoggiet f’impossibbilta’ sabiex taqdi l-mansjonijiet taghha u wisq inqas sabiex tilhaq il-miri indikati fl-istess kuntratt bejn il-partijiet, iktar u iktar meta socjeta’ attrici stess bdiet taghti struzzjonijiet anke lill-konvenuta stess sabiex tillimitalha l-kuntatti taghha, nkluz li ma jkollhiex kuntatt ma’ certu entitajiet u angenziji, u wkoll sabiex taghti informazzjoni dwar l-istess socjeta’ attrici li ma kenitx korretta (Dok. “JA 9). Illi f’dan il-kuntest kollu huwa sintomatiku li hemm diversa korrispondenza esebita mill-konvenuta fid-dokumenti esebiti anke mal-affidavit taghha li turi li hija ghamlet diversi interpellazzjonijiet lis-socjeta’ attrici sabiex tigi rifuza l-ispejjez minnha maghmula izda dawn baqghu ma thallsux (ara fost l-ohrajn Dok. “JA6”, “JA7”, “JA8” “JA 12”, JA12A”, “JA 13” “JA 16”, “JA 19” “JA22” u “JA24”). Illi jidher ukoll li l-istess konvenuta, wara li sari l-kuntratt marret lura l-Israel appuntu sabiex tesegwixxi l-inkarigu taghha u dan jidher ukoll mill-passaport taghha li gie esebit man-nota tal-konvenuta datata 9 ta’ April 2001, fejn jidher ukoll li l-istess konvenuta baqghet f’dak il-pajjiz mis-27 ta’ Awissu 1998 sal-11 ta’ Dicembru 1998, in gran parti fuq il-mezzi taghha, la darba kif inghad l-ispejjez u l-kumpens pattwit baqa’ ma giex imhallas lilha.

Illi dwar struzzjonijiet li l-istess socjeta’ attrici tat lill-konvenuta hemm dawk indikati f’Dok. “JA 15” u wkoll jidher mid-Dok. “JA 21” li huwa ftehim li sar bejn is-socjeta’ attrici u d-ditta Globe, li dan sar mis-socjeta’ attrici direttament u dan juri wkoll li s-socjeta’ attrici kienet qed topera minghajr l-intervent tal-konvenuta; huwa sintomatiku wkoll fin-nota ta’ osservazzjonijiet ghalkemm jinghad li sar arrangament ma’ Globe Travel dawn *“ma gewx konkluzi b’mod definittiv ghas-semplici raguni – fatt ammess mill-istess konvenuta – li l-Air Malta proprio dak iz-zmien waqfet it-titjiriet minn Malta ghal Israel”.*

Illi mela allura minn dan jirrizulta li apparti li jidher car li s-socjeta’ attrici ma onoratx il-parti taghha fl-istess kuntratt

mal-konvenuta, u dan ovvjament fixkel jekk mhux ghamilha impossibli ghall--konvenuta milli tilhaq il-miri stabbiliti, jirrizulta wkoll li tali decizjoni ta' l-Air Malta mehuda f'dak iz-zmien effettwat b'mod krucjali li tali miri ma setghux jintlahqu, u dan f'kull eventwalita', u s-socjeta' attrici tafu dan ghaliex minkejja li hija tghid li kellha negozjati sew – dawn ma wasslu ghal xejn minhabba tali decizjoni ta' l-Air Malta kienet krucjali ghas-success *o meno* ta' ftehim ghaliex minghajr tali titjiriet ma setghux jingiebu turisti Izraeliti Malta – dan certament influwixxa fuq il-komportant tas-socjeta' attrici u wkoll kien jaffettwa r-rizultanzi ta' kull ftehim bhal dak li kien hemm mal-konvenuta.

Illi dwar dan l-ahhar punt hemm ix-xhieda ta' persuna li hija kompletament indipendenti mill-partijiet fil-kawza, u cjoe' Joseph Cauchi, *General Manager Passenger Cargo Sales* ma' l-Air Malta, li xehed li l-konvenuta kienet kellmitu dwar l-interess taghha li ggib it-turizmu minn Izrael ghal Malta. Hija kienet persistenti f'xoghlha u kienet qeghda tipprova taghmel diversi kuntatti fl-Izrael u dan huwa jafu ghaliex il-*general sales* agent ta' l-Air Malta fl-Izrael infurmah b'dan. *Inoltre'* rrizulta wkoll li t-titjiriet minn Malta ghall-Izrael u *vice-versa* mill-kumpanija tal-ajru sussegwentement kellhom jitwaqqfu minhabba l-ambjent politiku li kien hemm u t-theddid ta' Saddam Hussein li se jattakka lill-Izrael u dan certament li kien ostakolu iehor ghall-hidmiet tal-konvenuta, ostakolu li kien indipendenti ghal kollox mill-agir taghha u f'dan il-kaz minn dak tas-socjeta' attrici.

Illi dwar dawn ir-rizultanzi jigi postulat in tema ta' dritt li kif jinghad fl-**artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili**, *"il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".* Din l-espressjoni tesprimi enfatikament il-kuncett illi l-kuntratt, kemm ghal dik li hi modifikazzjoni tieghu, l-obbligazzjonijiet reciproci u r-rizoluzzjoni tieghu, ma jistax jigi alterat jew rizolut bil-volonta` unilaterali ta' xi parti fost il-kontraenti. Fi kliem iehor f'dan it-tip ta' kuntratt hadd mill-partijiet ma seta' jaqbad u jirrizolvih minn jeddu u b'mod unilaterali, hlief per

eccezzjoni kif kontemplat taht il-kuntratt ta' appalt skond id-disposizzjonijiet ta' l**-artikolu 1640 (1) tal-Kodici Civili.**

Illi ghalhekk isegwi wkoll li skond kif jinghad fl-**artikolu 992 (2) tal-Kapitolu 16** illi l-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1068 tal-Kap 16, izda sabiex tali kuntratt jigi ddikjarat hekk xolt mill-Qorti hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (**Fadda**, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239).

Illi ghalhekk meta f'kaz bhal dan ikun hemm akkuzi reciproci ta' inadempiment, *una volta* accertata l-ezistenza ta' dan l-inadempiment reciproku, jehtieglu, imbaghad, jaghmel evalwazzjoni komparattiva ta' l-imgieba taz-zewg kontraenti fuq il-bazi tal-proporzjonalita` u tal-kawzalita` bejn iz-zewg inadempjenzi. Dan bl-iskop li tigi stabbilita r-relazzjoni ghall-interessi rispettivi u ta' l-oggettiva entita` ta' l-inadempjenza biex jigi determinat jekk dawn jekwivalux jew jekk l-inadempjenza l-wahda ghandhiex tiprevalixxi fuq l-ohra u dan kif gie ritenut anke fis-sentenza fl-ismijiet **"Dr. Hose' Herrera nomine vs Gaetano Debattista et nomine"** (P.A. (PS) – 21 ta' April 2004).

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2000 (Numru 11784), *"ai fini della pronuncia di risoluzione di un contratto a prestazioni corrispettive in caso di inadempienze reciproche, il giudice per stabbilire la sussistenza dell' inadempimento determinante a carico di uno dei contraenti non puo` limitarsi ad esaminare il comportamento di una sola delle parti, ma deve procedere ad una valutazione unitaria della condotta di entrambi i contraenti per accertare gli inadempimenti reciprocamente lamentate dalle parti ed apprezzarne l' effettiva gravita` ed efficienza causale rispetto alla finalita`*

*economica complessiva del contratto, nonche la conseguente ininfluenza sulla sorte del medesimo.”;*

Illi fil-fatt din l-istregwa ta’ dawn l-istess insenjamenti giet sewgita fil-gurispridenza nostrali tant li inghad li l-eccezzjoni *“inadempleti contractus”* tista’ tigi sollevata b’mod generali fil-kuntratti sinallagmatici kollha, u indipendentement mir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, jissokta jirrileva illi “ir-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (i) l-inadempjenza ta’ l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet” **- Vol. XLIX P I p 518** u “**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**”, 11 ta’ Ottubru 1966;”

Illi dan gie ikkonfermat fis-sentenza **“AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello”** (A.I.C (PS) - 10 ta’ Ottubru 2005) fejn gie deciz li:-

*“Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**”, Qorti Civili, Prim’ Awla, 11 ta’ Otturbu 1966, per l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran, illi “r rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (1) l-inadempjenza ta’ l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim, (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur, u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet”. F’ dan, l-gharef gudikant kien qed isegwi l-insenjament tal-Qorti ta’ l-Appell, Sede Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet “**Emmanuele Aquilina -vs- Salvatore Aquilina et**”, 12 ta’ Marzu 1965 (**Vol. XLIX P I p 518**);*

Illi dan jinsab spjegat mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (27 ta’ Settembru 1999**, numru 10668)** illi, *“nei contratti con prestazioni corrispettive, ove una delle parti giustifichi la propria inadempienza con l’ inadempimento dell’ altra, il giudice deve procedere alla valutazione comparativa dei comportamenti, tenendo conto non solo dell’ elemento cronologico ma anche e soprattutto dei rapporti di proporzionalita` e corrispettivita` esistente tra le prestazioni inadempiute, per stabilire se l’ inadempimento*

*o la prospettiva di inadempimento di una parte giustifichi il rifiuto di esecuzione della prestazione dovuta dall' altra; a tal fine il giudice non deve avere riguardo alle sole obbligazioni principali dedotte in contratto (e cioe`, nell' appalto, il pagamento del compenso, per il committente ed il compimento dell' opera, per l' appaltatore), ma anche a quelle secondarie cui le parti, nell' esplicamento delle lore autonimie contrattuale, abbiano attribuito carattere di essenzialita` sul piano sinallagmatico";*

Illi fil-kuntest ta' dan kollu certament ghall-konvenuta kien ta' importanza vitali li hi tithallas skond it-termini u modalita` tal-ftehim biex hija tkun f'qaghda sabiex tkun tista' isegwi u tilhaq il-miri taghha, iktar u iktar meta l-hlas ta' l-ispejjez u r-remunerazzjoni hemm pattwita kienet tippermettilha li tghix dicentement u tkun tista' taghmel il-kuntatti li kien hemm bzonn isiru sabiex tkun tista' tesegiwxxi l-obbligazzjonijiet taghha, u f'dan il-kuntest kienu ta' importanza vitali, il-kera ta' karozza, il-kera ta' l-ufficcju, l-ispejjez tat-telefon permess lilha, u wkoll ir-rimunerazzjoni taghha. Minghajr dan il-Qorti ma tistax tifhem kif l-istess konvenuta setghet b'xi mod tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha, u il-fatt li stenniet sa Dicembru kien ifisser li damet almenu max-xahrejn u nofs f'pajjiz iehor minghajr ebda forma ta' introjtu, u b'hekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat li n-nuqqas tas-socjeta' attrici kien vitali sabiex il-konvenuta ma tkunx tista' taghmel il-parti taghha, u dan iwassal sabiex l-istess kuntratt jigi ddikjarat xolt ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u b'hekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha u dan ghaliex kienet l-istess socjeta' li kienet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet taghha, vitali ghas-success tal-inkarigu moghti lill-konvenuta.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss fil-fatt li x-xhieda ta' l-istess konvenuta f'dan ir-rigward hija kkorroborata mix-xhieda ta' Joseph Cauchi, Anthony Vella u Ronen Listwand, mentri din il-Qorti thoss li x-xhieda taghha, kif korroborata mix-xhieda hawn indikati xejnet l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici fir-rigward taghha fejn jidher li minkejja n-nuqqas ta' koperazzzjoni li kellha mis-socjeta' attrici, u inadempjenza ta' l-istess, hija xorta wahda baqghet

tipprova taqdi l-obbligazzjonijiet taghha u dan billi ddur u taghmel kuntatti ma' diversi *tour operators* hemmhekk.

Illi kif jinsab deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Celestino Muscat -vs- Giovanni Attard et**", Appell Civili, 3 ta' Gunju 1938 (Kollez. Vol.XXX.i.155), il-principju *'inademplenti non est ademplendum'* huwa bbazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu *di fronte* ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kundizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Ma hemm l-ebda dubju lanqas li f'kaz ta' kuntratt sinallagmatiku, il-kondizzjoni rizoluttiva f'kaz ta' inadempjenza hija dejjem sottointiza u d-debitur konvenut ghandu d-dritt jiddefendi ruhu bl-eccezzjoni ta' *"inademplenti contractu"* billi jopponi li l-attur hu inadempjenti ("A.C. **"Sare' vs Ellul"** - 12 ta' Gunju 1953 – XXXIII.197). F'dan il-kuntest in-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici kienu verament serji, tant serji li impeddew ghal kollox lill-attrici milli tesegwixxi x-xoghol taghha u ghalhekk hemm lok li l-kuntratt jigi ddikjarat xolt minhabba tali inadempjenza skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 1068 tal-Kap 16** u dan ghaliex tali inadempjenzi kienu tant gravi li jirriflettu fuq il-prestazzjoni principali li tifforma l-oggett tal-kuntratt u fil-fatt jidhru li gew sodisfatti l-elementi kollha ta' l-eccezzjoni *"inadempleti contractu"* skond kif elenkati fis-sentenza gja citata **"Jose' Herrera nomine vs Gaetano Debattista".**

Illi *in linea* sussidjarja jidher ukoll li l-istess ragunijiet iwasslu ghall-applikazzjoni ta' l-**artikolu 1133** peress li l-konvenuta bl-agir tas-socjeta' attrici fuq indikat u wkoll rifless fl-atti ta' din il-kawza u elenkat f'paragrafu 25 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta iwasslu sabiex jigi konkluz li l-istess konvenuta kienet impeduta milli tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha u dan iwassal sabiex jinghad l-istess konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-allegati danni. Din il-Qorti thoss li ghandha tieqaf s'hawn ghalkemm jidher li t-tielet eccezzjoni bbazata fuq l-artikolu 1134 hija wkoll *ben fondata* peress li l-fatt li l-Air Malta waqfet it-titjiriet diretti mill-Isreal ghal Malta

ppregudikaw ghal kollox is-success ta' l-istess progett kif kkonfermat kemm mix-xhieda attrici u wkoll fuq kollox mix-xhieda ta' Joseph Cauchi u dan l-akkadut fil-konfront tal-konvenuta kien wiehed (i) imprevedibbli u invincibbli jew inevitabbli "*omnem vim cui resisti non potest"* u (ii) irrenda l-esekuzzjoni tal-kuntratt impossibbli (**"Borg Falzon et nomine vs Darmanin proprio et nomine"** – 7 ta' Gunju 1940 – Vol.XXXI.i.869).

Illi l-konvenuta pprezentat ukoll kontro-talba fejn talbet li tigi kkompensata ghas-servizz provdut minnha matul il-perjodu ta' l-ahhar ta' Awissu sal-ewwel gimgha ta' Dicembru 1998 u dan ibbazati fuq ir-rati indikati fil-ftehim tas-26 ta' Awissu 1998 u wkoll talbet li tigi rimborsata ta' l-ispejjez li nkorriet fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu taghha.

Illi din il-Qorti thoss li dawn gew ippruvati mill-konvenuta b'dan li l-konvenuta ghandha tithallas is-salarji li kienu dovuti lilha ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 1998 u dan kif limitati minnha f'paragrafu 56 ta' l-affidavit taghha (fol. 91) u dan iwassal ghall-ammont ta' Lm2,400 (€5590.50) li minnhom triq titnaqqas is-somma ta' Lm540 (€1257.86) li l-konvenuta tammetti li kienet gja rceviet u dan iwassal ghall-ammont ta' Lm1,860 (€4332.63). Dwar spejjez din il-Qorti thoss li dawn ma gewx sodisfacentement ippruvati hlief ghall-ammont ta' Lm150.80 (€351.27) (Dok "JA 12", Dok. "JA 12a", Dok. "JA20") u ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenuta qed tigi milqugha fl-ammont ta' Lm2,010.80 (€4,683.90).

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fis-sens hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuta** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt, li **tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici rikonvenuta,**

**tilqa' t-talba ta' l-istess konvenuta attrici** limitatament billi :-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuta hija dovuta (i) kumpens mis-socjeta` attrici ghas-servizz li tat fl-Izrael a beneficcju tas-socjeta` attrici matul il-perijodu mill-ahhar ta' Awissu sa l-ewwel gimgha ta' Dicembru tas-sena 1998 u (ii) rimbors minn ghand is-socjeta` attrici ta' l-ispejjez li inkorriet fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta` attrici.

2. Tillikwida l-kumpens u l-ispejjez dovuti lill-konvenuta mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn u ghaxar liri Maltin u tmenin centezmu (Lm2,010.80) [ekwivalenti ghal erbat elef tliet mija u tlieta u tmenin Ewro u disghin centezmi ta' l-Ewro] (€4,383.90).

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenuta dik is-somma hekk likwidata skond id-domanda precedenti fl-ammont ta' elfejn u ghaxar liri Maltin u tmenin centezmu (Lm2,010.80) [ekwivalenti ghal erbat elef tliet mija u tlieta u tmenin Ewro u disghin centezmi ta' l-Ewro] (€4,383.90).

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------